MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Avviz Numru. 127/2014

**Starfruit Limtied**

**(C 17985)**

**vs**

**Maria Cortis**

**(ID 487279M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar l-10 ta’ April 2014 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta’ erbat elef, sitt mija u erbgha u sittin euro u wiehed u disghin centezmu (€4,664.91) rapprezentanti merca, prodott u frott mixtri mill-mejjet Brian Cortis, illi taghha hija werrieta, liema prodott ma thallasx, minkejja illi kemm il-mejjet Brian Callus u l-intimata giet interpellata sabiex thallas.

Bl-ispejjez kfi deskritti fl-avviz u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati fl-indirizz ta’ l-intimata fit 18 ta’ Gunju 2014 f’idejn certu Jeffrey Azzopardi. (fol 9 tergo).

Illi fis-seduta tal-11 ta’ Lulju 2014 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta (fol 12).

Rat illi fis-seduta tal-14 ta’ Lulju 2014 il-konvenuta giet imsejjha izda ma deheritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, sitt mija u erbgha u sittin euro u wiehed u disghin centezmu (€4,664.91) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuta kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------